# IL-Huttafa

POBox 498 Valletta CMR 01

Numru 5 Novembru Diċembru 1994

Dan il-magażin stampat fuq karta riċiklata

dinja waħda






Victor Falzon

*Għakrux Raġel*

MOS

BirdLife International

IL-MAGAŻIN TAL-KLABB ĦUTTAF





# editorjal

**Ħbieb Ħuttaf,**

Darba kont Kemmuna u sibt bejta ta' Bufula Sewda b'erba' flieles. Il-ġenituri kienu ġejjin u sejrin jitimgħuhom, daqqa xagħat u daqqa ġurat żgħir u daqqa brimba. Domt siegħa niggustahom mit-tromba. Kienu verament familja perfetta.

F'daqqa waħda smajt il-ġenituri jċaċċru u jagħmlu storbju sħiħ, eċitati jaqbżu minn fergħa għal oħra, donnhom inkwetati. X'ġara?

Ma domtx ma ndunajt: Serp Iswed daqsxiex kien tiela' ma' l-arbuxxell, riesaq lejn il-bejta. Serp il-ġmiel tiegħu, iswed ileqq, għajnejn iżebbġu. Bil-ġuħ! Mill-bejta skiet perfett...

Wasal fil-bejta u rajtu jħares 'il ġewwa, qisu qed jagħżel! Imbagħad deffes rasu bis-salt u ħataf wieħed mill-flieles. Belgħu sħiħ! Ħataf ieħor u belgħu wkoll! Wara ftit, qisu film bis-slowmowxin reġa' beda nieżel mal-friegħi. Tkaxkar sa ħdejn busbieża u qagħad fid-dell tagħha jistrieħ ħa jnizżel l-ikel.

Għalkemm fil-bejta kien għad fadal żewġ flieles, issa li s-serp kien jaf bihom ma jdumx ma jerġa' jittawlilhom... u jleflifhom!!

Tgħiduli: Jaħasra la rajtu tiela' għalihom għax ma qbadtx zokk u xammartlu daqqtejn? Imqar gerrixtu! Għax ħallejtu jattakka dawk iż-żewġ flieles, iħarbat bejta, ikisser familja? Għaliex? Għaliex?

Għandkom raġun titħassruhom dawk il-povri flieles - anke jien għamilt id-dwejjaq narahom jinqatlu wara tant kura mill-ġenituri tagħhom.



Imma l-lezzjoni hawnhekk hija din: tidher kemm tidher kiefra, lin-natura m'għandniex nindaħlulha. Dak is-serp huwa parti min-natura u daqs il-flieles u daqsna kellu d-dritt jiekol u jgħix. Is-serp mhuwiex annimali kattiv kif jaħsbu ħafna nies, imma annimal li bħali u bħalek jaqbdu l-ġuħ.

**Meta lill-ħajja selvaġġa nizzattulha fin-nofs, anke jekk minn għalina għall-ġid, ħafna drabi nispiċċaw nagħmlu iktar ħsara milli tajjeb.**

Victor Falzon
Editur




## Iktbulna

**Għandkom xi idejat għall-Ħuttafa? Għandkom xi ċajta tajba, xi logħba interessanti, xi poeżija dwar in-natura li ktibtu intom? Hemm xi ħaġa li tixtiequ tistaqsu lill-esperti tagħna? Iktbulna f'dan l-indirizz:**

**Editur Il-Ħuttafa
Klabb Ħuttaf
MOS POBox 498
Valletta CMR 01**

← *Faċċata ta' Quddiem*

**Għakrux Raġel**

(*Cantareus asperus* - Edible Snail)

Għalkemm ismu jgħid raġel, dan l-għakrux, bħall-għekierex l-oħra, fih iż-żewġ sessi. Annimal komuni li jitfaċċa ma' żmien l-umdu. U l-Maltin, qisna l-imgewħin, noħorġu nwaqqgħu il-ħitan tas-sejjieħ biex nimlew borża wara borża ta' għekierex... Jekk ma niklux l-arjoli naħsbu li se mmutu bil-ġuħ!! Miskin l-għakrux!

Il-Klabb Ħuttaf hija t-taqsima ta' l-MOS li tieħu ħsieb il-membri taħt l-erbatax-il sena. Din it-taqsima torganizza attivitajiet bħal ħarġiet fil-kampanja, żjajjar f'riservi naturali, taħdidiet bi slajds u xi drabi xogħol ambjentali. Il-Klabb Ħuttaf jippublika n-newsletter-magażin Il-Ħuttafa kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi handouts, worksheets, logħob u kompetizzjonijiet għal waqt l-attivitajiet. Il-membri huma bħalissa maqsumin f'żewġ reġjuni ġeografiċi, jiġifieri l-Ħuttaf ta' Fuq u l-Ħuttaf t'Isfel. Il-Klabb huwa mmexxi minn working group ta' Youth Leaders.

© MOS 1994

Stampat għand Poulton's Print Shop



# aħbarijiet



## Vjolin Ġdid!!

Jum niedi f'nofs Ottubru fil-bur ta' l-Għadira, il-gwardjan Charles Gauci kien qiegħed jirringja u qabad għasfur żgħir qisu Vjolin tax-Xitwa (Chiffchaff). Imma Vjolin tax-Xitwa... ma kienx.
Kien fil-fatt **Vjolin Skur** (Dusky Warbler - *Phylloscopus fuscatus*), għasfur li qatt ma kien għadu deher f'Malta. Il-Vjolin Skur ibejjet fis-Siberja u rari jersaq lejn il-Punent. Fil-fatt fl-Ewropa l-Vjolin Skur huwa meqjus għasfur rarissmu.




**Smajtu bil-One World (jew Dinja Waħda)? Dan huwa proġett li l-MOS qiegħda tmexxi fl-iskejjel Primarji ta' Malta u Għawdex. Dan il-proġett fih ħafna attivitajiet li t-tfal ta' l-iskola jistgħu jagħmlu biex jagħtu daqqa t'id lill-ambjent naturali ta' l-iskola u tar-raħal. Fl-istess ħin il-proġett huwa kompetizzjoni interessanti ħafna. Kull attività ġġorr numru ta' punti: b'hekk iktar ma skola tagħmel attivitajiet, iktar ittella' punti. L-iktar skola li ttella' punti tirbaħ trofew u tiġi ddikjarata l-iskola ambjentali tas-sena.**
**Mela ħaffu! Ġennu lill-għalliema tagħkom biex tieħdu sehem.**






## Rebħu!!!

Dawn il-ħames Huttafiet ittellgħu fost dawk il-membri li ġeddu l-miżata fil-Klabb Huttaf tul ix-xahrejn li għaddew

→ KENNETH CACHIA
Ward u Żahar Vjal ix-Xarolla Żurrieq
→ CHRISTOPHER BONE
Lourdes 143 Triq il-Kampanella Fgura
→ JOANNE DECESARE
St Jude Clarence Str Msida
→ CHRISTOPHER ATTARD
Thesore Mill Str Żebbuġ
→ MARK JOHN CACHIA
2 G.Frendo Str Balzan




Dawn il-membri rebħu statwetta ta' merill, li huma mitluba jiġbru mill-MOS Nature Shop ta' 65 Triq Sta Luċija, Il-Belt. Importanti li jġibu l-membership card. U Prosit!!

## Rar u Kbar fis-Simar

**Ir-riserva tas-Simar qiegħda tiġbed għasafar ta' ċerta klassi u kalibru!!...**



Tard f'Settembru xi voluntiera, fosthom Joe Doublet u Ian Mifsud, li kienu qed isaqqu s-siġar fir-riserva kellhom ix-xorti jaraw **Russett Abjad** (Great White Egret). S'issa dan l-għasfur deher biss xi 20 darba f'Malta.



F'nofs Ottubru Denis Cachia, berdwoċer akkanit, lemaħ **Ċikonja Sewda** (Black Stork) nieżla fuq waħda mill-gżejjer żgħar fir-riserva. Għalkemm mhux rari daqs ir-Russett l-Abjad, rarissmu, jekk qatt, deher ipoġġi bil-kumdità kollha

Mid-dinja...

# Jirbħu l-balieni...





**Il-medda baħar dawra tond ma' l-Antartika (Antarctic Ocean) ġie ddikjarat santwarju** naturali mill-membri ta' l-IWC, għaqda dinjija li tirregola l-qbid u l-ħarsien tal-balieni. Aħbar super-fantastika li forsi fl-aħħar tfisser is-salvazzjoni tal-balieni. Fosthom hemm il-Baliena Blu (l-ikbar annimali li qatt deher fid-dinja) li minnha fadal biss xi 500. Issa għall-inqas għandhom biċċa baħar enormi - ħafna akbar mill-Mediterran - fejn ma jistgħux jiġu kkaċċjati mill-imgħarrqin "whalers" Ġappuniżi. l-Oċejan Indjan, li jmiss ma' l-Oċejan Antartiku, huwa wkoll santwarju fejn ma tistax issir kaċċa għall-balieni. U l-Antartika stess hija kontinent santwarju.

BBC Wildlife/Lul 94



# ... u l-fkieren!!

**Wara ħafna pressjoni minn ambjentalisti, il-Gvern Grieg iddikjara l-bajja ta' Laganas, fil-gżira ta' Zakynthos, park marittimu.** Fir-ramliet ta' dil-gżira jbejtu numru kbir ta' Fkieren Komuni (Loggerhead Turtle) li m'huma komuni xejn! Fis-sajf Zakynthos tintela' turisti li jokkupaw il-bajjiet u jtellfu l-fkieren milli jbejtu. Issa għall-inqas il-fkieren ingħataw ċans.



BBC Wildlife/Sett 94

Ittri

# Kif Bdiet il-Kaċċa!?



**Sur Editur,**

**Aktar ma jgħaddi ż-żmien u aktar ma nisma' fuq il-kaċċa, iżjed qed ninduna kemm il-kaċċa għandha pedament (bidu) sod.**

**Naf li fil-qedem kienu jikkaċċjaw, imma għall-bżonn mhux għall-gost bħal-lum!!**

**Smajt li kien hawn żmien fejn tant kien hawn Ċawl li n-nies kellhom bilfors jisparaw fuqhom. Meta naqsu xorta baqgħu jisparaw għall-gost. Nixtieq inkun naf kif bdiet il-kaċċa u kif saret passatemp?**

**Ma jidhirlix li l-kelma kaċċa hija tajba għal dan il-"passatemp". Il-frażi "qtil bla ħtija" hi isem aktar adattat għal dan il-passatemp. X'jidhirlek?**



**Rosette Said Sarreo**
**Sliema**

Għażiża Rosette,

Tista' tikteb ktieb sħiħ dwar kif bdiet u kif żviluppat il-kaċċa, u tkun għadek m'għidtx biżżejjed! Imma fuq fuq...

Jekk tmur sal-foresta tropikali fl-Amażon, jew fil-beraħ niexef jikwi tad-deżert Awstraljan, jew anke fil-wesgħat inġazzati ta' l-Artiku, għadek issib nies primittivi li jużaw vleġeġ, boomerangs jew ħrapan biex jaqbdu annimali ħalli jikluhom. Dawn huma nies li għadhom ma tgħallmux jaħdmu l-art u jrabbu annimali għall-ikel. Dawn in-nies jieklu biss dak li jaqbdu. Bħal iljun li jaqbad għażżiela, bħal brimba li taqbad dubbiena. Jekk dan-nies ma jaqbdux x'jieklu, imutu bil-ġuħ. *Dawn* huma l-veri kaċċaturi.

Fil-pajjiżi żviluppati bħal fl-Ewropa, in-nies ilhom ma' l-għaxart elef sena li tgħallmu jiżirgħu u tgħallmu jrabbu mogħoż, ngħaġ ecc. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-kaċċa tilfet l-importanza bħala s-sors ta' ikel.

Bis-saħħa tal-biedja, il-ħajja issa kienet saret iktar stabbli u kalma minn dik ta' kaċċatur - forsi ftit kalma ż-żejjed, b'mod speċjali għaż-żgħażagħ. B'xi mod dawn riedu jisfugaw l-enerġija żejda u jdaħħlu ftit eċċitament f'ħajjithom. Għalhekk xi minn daqqiet xorta waħda baqgħu jmorru jfittxu xi ħaġa x'joqtlu, aktar għall-gost u biex jgħaddu ż-żmien milli għal xi ħaġa oħra. Il-kaċċa kienet saret passatemp. Kienu jikkaċċjaw ċriev, ħnieżer selvaġġi u xi minn daqqiet (biex joħorġu aktar ta' heroes) annimali perikolużi bħal iljuni u orsijiet. Kienu jużaw armi primittivi bħal lanez, vleġeġ u żbandoli.

Biż-żmien l-annimali kbar u perikolużi naqsu u spiċċaw minn ħafna nħawi. Fl-istess ħin l-armi baqgħu jiżviluppaw u saru tant aktar komdi, preċiżi, effiċjenti u qerrieda...

B'hekk illum il-"kaċċatur" joħroġ armat b'xi żewġ snieter ta' b'għaxra kkargati t-tnejn u b'ċinturini u kaxxi nburġati bl-iskrataċ: jispara u joqtol salt Ħuttaf (li lanqas jiġbru), u jmur lura d-dar jiekol l-imqarrun fil-forn. U jekk ma tridx, irid ibellagħhielna li din l-attività tiegħu hija ħaġa tradizzjonali.

Sewwa għidtli, Rosette: il-kaċċa llum mhix ħlief qtil bla ħtija u bla bżonn.

L-Editur





# Il-Kudirross Iswed

minn
Mark Falzon



Malti: Kudirross Iswed
Ingliż: Black Redstart
Latin: ***Phoenicurus ochruros***

**Aktar ma nosservaw in-natura, aktar nindunaw kif kull ħlejqa hija adattata għal ambjent partikolari: dan l-ambjent jissejjaħ il-ħabitat tal-ħlejqa. Jekk niflu sew insibu li l-għixien ta' kull annimal jew pjanta huwa minsuġ mal-ħabitat. B'hekk meta neqirdu l-ambjent naturali, ħafna minn dawn il-ħlejjaq jonqsu jew jispiċċaw.**

B'xorti tajba dan mhux dejjem jiġri. Hemm xi speċi li kapaċi jadattaw ruħhom għall-ambjent ġdid li joħloq il-bniedem: fost l-għasafar insibu l-Għammiel tal-Bejt jew l-Isturnell, ngħidu aħna. Għasfur ieħor li jħobb jgħix qalb il-bini hu l-Kudirross Iswed, għasfur daqs Pitirross. Il-Kudirross Iswed ma jbejjitx f'Malta, iżda narawh hawn bejn Ottubru u Marzu. F'dawn ix-xhur l-Ewropa tkun kiesħa sew u għalhekk ħafna għasafar jiġu fostna fejn il-klima hi aktar fietla.

Għalkemm ma' l-ewwel daqqa t'għajn dan l-għasfur m'għandux xi lwien li jolqtu, ħarsa mill-qrib turina d-dahar, ras u żaqq griżi skuri u d-denb aħmar. Ġieli naraw ukoll xi Kudirross Iswed li jkun iswed tuta b'żewġ dbabar bojod fuq il-ġwienaħ: dan ikun raġel adult (ngħidu "xiħ"), li dejjem hu isbaħ min-nisa u l-irġiel iżgħar.

Il-Kudirross Iswed issibu kullimkien ħlief fejn is-siġar huma folti ħafna. L-aktar li jħobb, iżda, huma rdumijiet, barrieri, ġnub ta' widien, swar u bini. Billi gżiritna mhix nieqsa minn dan il-ħabitat, il-Kudirross Iswed hu komuni u huwa wieħed mill-għasafar li nistgħu nosservaw fit-triq tagħna, fil-bitħa jew fuq il-bejt. Jekk nagħmlu "bird table" - xkaffa żgħira fuq lasta fil-ġnien (jew bitħa) b'xi żbib jew frak tal-kejk - żgur li jżurna ta' spiss u nkunu nistgħu nitpaxxew narawh jifli u jnaqqar mill-kumdità ta' darna. Nieħdu gost aħna u jieħu gost il-Kudirross Iswed li b'hekk isib post fejn jiekol u jistrieħ f'dawn ix-xhur li jafu jkunu iebsa.

Għandna napprezzaw dawn l-għasafar li għażlu li jgħixu magħna, fil-ġungla ta' bjut u erjals tat-televixin. Iżda m'għandniex ninsew li hemm ħafna oħrajn li jeħtieġu ambjent differenti - il-kampanja. Biex nibqgħu ngawdu dawn il-ħlejjaq irridu nibżgħu għall-kampanja li wara kollox hi parti importanti ta' ħajjitna wkoll!

Dan l-artiklu waslilna mill-Amerka fejn bħalissa l-ħabib tagħna Mark Falzon qiegħed jistudja! Grazzi Mark tal-perseveranza tiegħek
L-Editur

# kraft kraft kraft







Lejla ohra Kraft bhalma kellna f'Mejju! JabbaDabbaDooooo! Dawk li ġew jiftakruha żgur, speċjalment dawk li kaxkru xi haġa lura d-dar. Fost affarijiet ohra din id-darba se naghmlu birdtables, li fil-harifa u fix-xitwa jkunu idejali ghal ġo xi ġnien jew bitha (imbaghad nispjegawlkom...). Ejjew hawdu, qasqsu, itwu, wahhlu, sammru maghna!!! Xi haġa x'wiehed inaqqar ikun hemm ukoll!

Data: **18 Novembru - Huttaf kollha!!**
Hin: **6.00pm**
Post: **Istitut Kattoliku** (jew 5.45pm hdejn tal-halib)
Prezz: **75ċ** (fil-bieb)
Min ikun irid jixtri bird table jimla l-formola t'hawn taht u jibghatha qabel it-12 ta' Novembru.

## *Ghall-Ghadira...*

Issa li ghamlet koċċ xita sew, ir-riserva ta' l-Ghadira terġa' tiehu l-hajja u jerġghu jibdew jitfaċċaw l-ghasafar (ghadha kemm waslitilna l-ahbar li niżel fjamingu). L-ambjent f'din ir-riserva huwa fil-biċċa l-kbira bur salmastru (bl-Ingliż saltmarsh). Dat-tip ta' ambjent jiġbed lejh b'mod speċjali ghasafar tal-plajja, jiġifieri dawk li jhobbu jhufu max-xtut ramlin jew imtajna, munqarhom diehel u hiereġ fl-art ifittex u jleflef dud u insetti.... U ahna sejrin naraw x'inhuma dawn l-ghasafar...

Dati: **27 Novembru - Huttaf ta' Fuq**
**4 Diċembru - Huttaf ta' Isfel**
Niltaqghu: **Hdejn tal-Halib**, Bieb il-Belt
Hin: **8.00am** Lura l-Belt: **1.00pm**



Blonġun Sekond
Black-necked Grebe

# Paaaarty!!



...U naturalment, bhal kull tmiem is-sena, il-famuż party tal-Milied! Briju, loghob, ikel, xorb, kuluri, rigali, daqq, żfin, ċajt... Imsomma l-atmosfera tas-soltu, li tant Huttaf ma jimmissjawha b'xejn (u żguuuuur li ma jtilfuhiex!!! Mela qis li lanqas int ma titlifha!! See you!!

Data: **21 Diċembru - Huttaf Kollha**
Hin: **6.30pm**
Post: **Skola Primarja Furjana**
Prezz: **Lm1.50ċ** (fil-bieb)

## *Dik il-bird table irridha...!*



*Iva rridha. Jiena se nattendi l-Lelja Kraft tat-18 ta' Novembru, u rrid ukoll nordna wahda mill-birdtables li se naghmlu. Ghalhekk qieghed nibghatlek b'Lm1.50ċ bolli ġodda tal-5ċ biex tibbukkjali wahda. Grazzi. Jiena jisimni* ____________________
*noqghod* ____________ *u l-membership number tieghi huwa* ______

Ibghat din l-applikazzjoni lil: Klabb Huttaf Lejla Kraft • MOS POBox498 • Valletta CMR 01

**Tinqala' għat-tpinġija?**
Ibagħtilna xogħlok, u nġibuhulek fil-Ħuttafa. Tużax kulur, u uża karta (mhux kartonċin). Ibgħat ukoll ismek, l-età u x'inhu l-annimal jew pjanta li tkun pinġejt.

# ART GALLERY



## *Il-Pitirross*

*Darba jien kont qieghed nghanni*
*F'siġra niexfa f'nofs ta' wied.*
*Fil-pront nara tifel riesaq*
*Bi trabokk ta' żewġ xibkiet.*

*Lejh ittajjart sabiex niġġieled*
*Faqqa', nqbadt u kont se mmut.*
*Ghalxejn jiena bdejt inpespes*
*U nitolbu ghall-ajjut.*

*Issa jien ninsab ġo gaġġa*
*U minn hemm ma nohroġ qatt.*
*Jien webilt il-habs ghal ghomri*
*Qisni kont qtilt lil xi hadd.*

*Nitolbok biex thenn ghalija*
*U nittajjar erġa' hallini.*
*Nitolbok qieghed bil-hniena*
*Il-libertà erġa' aghtini.*

*Jekk titlaqni nibqa' nafulek*
*U rigal jiena naghtik,*
*Ghaliex meta nkun qed nghanni*
*Inkun qed nitlob ghalik.*

*Ghalhekk nitolbok thenn ghalija*
*U tibqax lili tross.*
*Inti hieles, ehles lili*
*Dejjem tieghek,*
*Il-Pitirross.*

Din il-poeżija baghathielna **Brian Mercieca**



***Gardell** minn **David Aloisio***



***Russett Griż** minn **Joseph Ferro***
*(11-il sena)*



# Par Avian

L-RSPB (Royal Society for the Protection of Birds) hija għaqda Ingliża għall-ħarsien ta' l-għasafar, bħalma hija l-MOS f'Malta. Bħalna, l-RSPB għandha klabb għall-membri żgħar. Dan il-klabb jismu YOC (Young Ornithologists' Club).

Il-YOC għadha kemm ħarġet bil-PAR AVIAN. Din hija skema fejn tfal u żgħażagħ (-18yrs) minn madwar id-dinja kollha li huma interessati fin-natura jiktbu lil xulxin. Għalhekk hija skema ta' "green penfriends". Bla dubju ħafna minnkom il-Ħuttaf se togħġobkom din l-ideja. Ħudu dan iċ-ċans biex tagħmlu ħbieb ambjentali minn xi pajjiż imbiegħed, tgħallmu dwar in-natura ta' pajjiżi oħra, dwar problemi ambjentali differenti minn tagħna. U fl-istess ħin agħmlu ħbieb ġodda. Imlew din il-formola (jew aħjar fotokopja tagħha biex ma tgħarrqux il-magażin) u ibagħtuha f'dan l-indirizz:



Par Avian - YOC
The Lodge - Sandy
Bedfordshire SG19 2DL
United Kingdom



Name: ____________________

Address: ____________________

____________________

____________________ Country: MALTA

Age: __________

I am a girl ☐ boy ☐ *(tick box)*

Interests: ____________________

____________________

My penfriend should be a boy ☐
a girl ☐
I don't mind ☐

Do you speak/write any language other than English: ____________________

Please send a recent photograph of yourself if you can. You should hear from us within 6 weeks. We will try to match you with another young person with similar interests. We'll send your address to your penfriend and theirs to you. Then it's for you to get to know each other - and that's the fun of it.

Il-Ħuttafa is the bimonthly magazine of Klabb Ħuttaf the junior section of MOS

# Daħħal Membru Ġdid



## Offerta speċjali

Daħħal membru ġdid mal-Ħuttaf u nagħtuk sett ta'
**erba' posters bil-kulur**
dwar l-annimali u l-pjanti ta' Malta. Sewwa smajt: erba' posters mimlijin rettili, mammiferi, fjuri eċċ.

Imla dil-formola u ibgħatha lil: Daħħal Membru Ġdid, Klabb Ħuttaf MOS, POBox498 Valletta CMR 01

Jekk ma tridx tgħarraq i… agażin tista' tieħu fotokopja u tibgħat lilha

## *Ibgħatli dawk il-posters issa stess!!!*

Iva, għadni kemm daħħalt membru ġdid! Jiena jisimni ____________________.
In-numru tal-membership tiegħi huwa ☐. Dawn li ġejjin huma d-dettalji tal-membru l-ġdid/a li daħħalt jiena.



**Isem u Kunjom:** ____________________

**Indirizz:** ____________________

**Data tat-twelid:**

| jum | xahar | sena |
|---|---|---|
| | | |

**Telefon:** ____________________

Ma' dil-formola għandek issib b'lira bolli (mhux użati) tal-5ċ jew ċekk/postal order ta' Lm1.